MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 1039/2011

**George Mangion (ID. 107849M) in rapprezentanza ta` PKF (Malta) u GMM & Associates (Malta) Limited C-11842**

***kontra***

**Gaming Islands Holding Limited (C40228)**

***u***

**Board Games Islands Limited (C40230)**

***u***

**Casino Islands Limited (C40231)**

***u***

**Pokerpest Services Limited (40232)**

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Marzu 2012 GO p.l.c. (C22334) intervjeniet fil-kawza *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tad-9 ta` Jannar 2013 gew nominati l-Av. Dr Cedric Mifsud LL.D. u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw l-erba` kumpanniji intimati**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Ottubru 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi l-kumpanniji intimati huma relatati ma` xulxin stante li Gaming Islands Holding Limited (C40228) huwa s-sid beneficjarju fit-tliet kumpanniji intimati l-ohra, ossia Board Games Islands Limited, Casino Islands Limited u Pokerpest Services Limited kif jidher mid-dokument hawn annessi u mmarkati Dok. MFSA1, MFSA2 u MFSA3 ;*

*Illi l-kumpanniji intimati kollha kienu hatru lil PKF (Malta) u lil GMM & Associates (Malta) Limited, l-atturi, sabiex jipprovdu diversi servizzi lill-istess intimati versu prezz miftiehem bejn il-partijiet ;*

*Illi l-intimati kollha ghandhom diversi kontijiet pendenti maz-zewg kumpanniji atturi, ghal servizzi li kienu*

*mitluba mill-intimati stess minghand l-atturi u moghtija lilhom minn l-atturi, kif jidher iktar car u kif inhu iktar spjegat mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. A, B, C u D ;*

*Illi minkejja interpellati diversi drabi sabiex jaffettwaw hlas, l-intimati kollha baqghu inadempjenti ;*

*Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti huma l-krédituri tal-kumpanniji intimati ;*

*2. Illi kif jidher car mid-Dokumenti MFSA 1-3, u mid-dokument MFSA4 li wkoll qed jigi hawn anness, l-istess persuna jokkupa l-inkariga ta` l-ufficji tad-direttur fis-socjetajiet intimati kollha ;*

*Illi kif se jigi trattat matul is-smigh, id-Direttur kien inadempjenti fl-obbligi tieghu fil-konfront tas-socjetajiet intimati ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-Direttur, kif se jirrizulta matul is-smigh, qal ukoll li ma jirraprezentax ebda mill-kumpanniji intimati ;*

*Illi ghar-ragunijiet premessi hemm imblokk (Deadlock) tal-kumpanniji fuq il-livell tad-diretturi stante li ebda laqgha tad-diretturi ma jista` jsir u l-ebda arrangament u/jew decizjoni fuq l-amministrazzjoni tal-kumpanniji jista` jigi affettwat ;*

*Illi t-tip ta` deadlock surreferit ghandu lok li jammonta ghal raguni gravi bizzejjed sabiex ikun hemm ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjonisti tal-kumpanniji intimati abbandunaw l-istess kumpanniji li jgib ir-rizultat ta` impossibilta` ta` kontinwazzjoni tal-kumpanniji kemm ukoll l-imblokk tat-thaddim tal-kumpanniji fuq il-livell tal-azzjonisti tas-socjetajiet ;*

*Illi l-imblokk fuq imsemmi ghandu lok li jammonta ghal raguni gravi bizzejjed sabiex ikun hemm ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanniji intimati u/jew ir-rapprezentanti taghhom naqsu minn diversi obbligi taghhom stante li naqsu milli, izda mhux limitament:*

- *Izommu kontijiet aggornati u konsolidati kif irid il-ligi*
- *Jirregistraw il-kontijiet aggornati u konsolidati kif irid il-ligi*
- *Ihallsu l-kredituri taghhom minkejja interpellati sabiex jaghmlu dawn*
- *Jirregistraw il-prospett annwali kif irid il-ligi*

*Illi l-agir tal-kumpanniji intimati u/jew tar-rapprezentant u d-Direttur tal-imsemmija kumpanniji ghandu lok jammonta ghal gestjoni hazina tal-kumpanniji u hemm ukoll nuqqas ta` integrita` fir-rapprezentanti tal-kumpanniji ;*

*Illi l-gestjoni hazina tal-kumpanniji u n-nuqqas ta` l-integrita` fir-rapprezentanti tal-kumpanniji ghandu lok jammonta ghal raguni gravi bizzejjed sabiex ikun hemm ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija ai*

*termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara illi l-esponenti huma kredituri tal-kumpanniji intimati ;*

*2. Tiddikjara illi ghal ragunijiet premessi hemm raguni gravi bizzejjed sabiex ikun hemm ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpanniji intimati ai termini ta` l-Artikolu 219 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u dan prevja kull dikjarazzjoni u/jew kundizzjoni li dina l-onorabbli Qorti jidhrilha opportun u xierqa ;*

*4. Tappuna stralcatarju ghall-iskop ta` l-imsemmi stralc.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Marzu 2012 fejn laqghet it-talba tal-kumpannija Go plc sabiex tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.*

Semghet ix-xiehda ta` George Mangion fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2012 (fol 41 sa fol 52) u rat id-dokument li kien esebit mix-xhud (fol 53 sa fol 59).

Rat il-verbal li sar mid-difensur tar-rikorrenti fl-istess udjenza fejn filwaqt illi ddikjara illi kien qieghed jirtira l-ewwel talba, iddikjara li kien qieghed izomm ferm it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti (fol 63 sa fol 115).

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` George Mangion fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012 (fol 118 sa fol 127) u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza (fol 128).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta` Novembru 2012 bil-fakolta` li l-kontendenti jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tar-rikorrenti u ta` l-intervenuta fil-kawza.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Ottubru 2012 fejn, wara rikors prezentat mir-rikorrenti, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2012 fejn hatret kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimati.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` Jannar 2013 fejn l-Av. Dr. Cedric Mifsud u l-P.L. Doreen Aquilina kienu mahtura kuraturi deputati.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li kienet prezentata fis-7 ta` Frar 2013 u taqra hekk –

*Illi l-kuraturi deputati ppruvaw jaghmlu kuntatt mad-diretturi ta` l-imsemmija socjetajiet intimati pero` sal-lum ghad m`ghandhomx risposta minghandhom sabiex jeccepixxu eccezzjonijiet ghat-talbiet tar-rikorrenti. Barra minn hekk il-kuraturi m`humiex edotti bil-fatti tal-kaz. Fl-eventwalita` li jircievu risposta mid-diretturi tas-socjetajiet intimati l-kuarturi ser jinformaw lil dina l-Onorabbli Qorti mmedjatament u jekk ikun il-kaz jitolbu l-awtorita` taghha sabiex jigu ntavolati eccezzjonijiet tas-socjetajiet intimati.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013 fejn *inter alia* sar verbal mill-kuratur deputat Av. Cedric Mifsud li jaqra hekk –

*Dr Mifsud informa lill-Qorti illi wara l-prezentata tar-risposta tieghu, ghamel kuntatt mieghu bit-telefon Balazs Vereb, li huwa avukat Ungeriz, u li jirrizulta li huwa direttur tal-kumpanniji, li taghhom qed jintalab ix-xoljiment u l-istralc. Infurmah illi skont hu kien sorpriz li kien indikat bhala direttur tal-kumpannija, ghax skont il-kodici ta' prattika tal-avukati fl-Ungerija, mhux suppost illi avukat jokkupa karigi ta' din ix-xorta. Ikkonferma li huwa kien avukat di fiducja tal-azzjonisti u qallu li l-azzjonisti huma nsolventi u li min-naha tieghu m'ghandu l-ebda interess iehor fejn jirrigwardaw dawn il-persuni.*

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Mis-sit elettroniku tar-Registratur tal-Kumpanniji, kienu esebiti dokumenti –

1) Bid-dettalji tal-azzjonisti tal-kumpannija Gaming Islands Holding Limited (C40228). L-ishma huma kollha *ordinary shares* u kollha *fully paid up.* Huma registrati in kwantu ghal 600 sehem f`isem il-kumpannija Finetrade Ltd (registrata fil-Panama) in kwantu ghal 588 sehem f`isem il-kumpannija Edition Investments Ltd (registrata fil-British Virgin Islands) u in kwantu ghal 62 sehem f`isem il-kumpannija Full Moon Industry Ltd (ukoll registrata fil-British Virgin Islands).

2) Bid-dettalji tal-azzjonisti tal-kumpannija Board Games Islands Limited (C40230). L-ishma huma kollha *ordinary shares* u kollha *fully paid up.* Huma registrati in kwantu ghal sehem wiehed (1) f`isem il-kumpannija PKF Fiduciaries Limited (registrata Malta) u in kwantu ghal 39,999–il sehem f`isem il-kumpannija Gaming Islands Holding Limited (registrata Malta).

3) Bid-dettalji tal-azzjonisti tal-kumpannija Casino Islands Limited (C40231). L-ishma huma kollha *ordinary shares* u kollha *fully paid up.* Huma registrati in kwantu ghal sehem wiehed (1) f`isem il-kumpannija PKF Fiduciaries International Limited (registrata Malta) u in kwantu ghal 99,999 –il sehem f`isem il-kumpannija Gaming Islands Holding Limited (registrata Malta).

4) Bid-dettalji tal-azzjonisti tal-kumpannija Pokerpest Services Limited (C40232). L-ishma huma kollha *ordinary shares* u kollha *fully paid up.* Huma registrati in kwantu ghal sehem wiehed (1) f`isem il-kumpannija PKF

Fiduciaries International Limited (registrata Malta) u in kwantu ghal 1249 –il sehem f`isem il-kumpannija Gaming Islands Holding Limited (registrata Malta).

Fil-kaz tal-erba` kumpanniji, hemm direttur wiehed u huwa l-istess wiehed ghall-erbgha li huma : Vereb Balazs, cittadin tal-Ungerija, u residenti l-Ungerija.

Il-krediti pretizi mir-rikorrenti mill-intimati sad-data tal-presentata tar-rikors promotorju huma –

a) fil-konfront ta` Gaming Islands Holding Limited, is-somma ta` €4,590 ;

b) fil-konfront ta` Board Games Islands Limited, is-somma ta` €43,576.80 ;

c) fil-konfront ta` Casino Islands Limited, is-somma ta` €37,397.80 ; u

d) fil-konfront ta` Pokerpest Services Limited, is-somma ta` €4,826.

Fix-xiehda tieghu, **George Mangion**, direttur tal-kumpanniji rikorrenti, qal illi l-kumpanniji intimati kienu hatru lir-rikorrenti sabiex jaghtuhom servizzi relatati mal-ksib ta` licenzi tal-*gaming.* Tawhom ukoll servizzi ta` *accounting* u *audit.* Kif ukoll hadu hsieb it-twettieq tal-obbligi tal-intimati mar-regolaturi u mal-awtoritajiet fiskali. Is-servizzi prestati kienu jinkludu illi jaghmlu uzu tal-ufficcju tar-rikorrenti bhala l-indirizz registrat tal-intimati. Kif ukoll is-servizzi ta` *company secretary.* L-inkwiet beda wara l-2009 meta l-azzjonisti ta` maggoranza u d-direttur li kienu mill-Ungerija tilfu kull interess fl-operazzjoni taghhom go Malta. In partikolari d-direttur li jismu Vereb Balaz u li huwa avukat ma baqax izomm kuntatt maghhom. Ir-rikorrenti baqghu jigru wara l-intimati sabiex jibqghu jottemperaw mal-obbligi taghhom izda l-esitu kien negattiv. F`dak l-istadju kien irtirat is-servizz ta` *company secretary*. L-ahhar kuntatt ma` Vereb Balaz kien fl-2010

meta ghad illi wieghed li kien se jipprovdi l-fondi biex l-intimati jibqghu joperaw mar lura mill-kelma u ma baghat xejn. Ir-rikorrenti esploraw il-possibilita` li jiehdu passi legali fl-Ungerija biex jigbru l-kreditu taghhom. Sabu li dik ma kenitx triq prattikabbli. U ma sar xejn ghajr indagni esplorattiv ma` avukat Ungerija (ara fol 99 et seq). Ir-rikorrenti ma riedux jibqghu esposti mal-Awtorita` tal-Gaming minhabba r-regola tal-*probity* ghan-nuqqas tal-intimati. Il-*key official* mal-Awtorita` kienu nies tar-rikorrenti li pero` ma kien f`qaghda li jghidu xejn lill-Awtorita` ghaliex min kien fit-tmexxija tal-intimati, li kien barra l-pajjiz, ttronka kull kuntatt. Il-kwistjoni ma kenitx semplicement rekuperu ta` kreditu izda skans ta` nkwiet bla bzonn mal-awtoritajiet. L-accounts tal-2010 baqghu ma gewx iffirmati mid-direttur. Ghalkemm l-intimati waqfu kull kuntatt maghhom, l-awtoritajiet Maltin baqghu jippretendu mir-rikorrenti l-adempiment tal-obbligi fiskali u tal-*gaming licences.* Intimat wiehed biss mill-erbgha ghandu flus il-bank li kienu kolpiti minn mandat ta` sekwestru ta` kreditur iehor. L-intimati m`ghandhomx assi ohra.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud stqarr illi bit-telf ta` interess tal-intimati, il-pregudizzju reali ghar-rikorrenti kien il-fatt illi kienet qeghda tittebba` ntortament ir-reputazzjoni taghhom mal-awtoritajiet regolatrici in partikolari mal-LGA ghax huma kienu qeghdin jidhru bhala rappresentanti lokali tal-intimati, ghalkemm passi jew proceduri ma ttiehdux kontra r-rikorrenti.

Kien esebit *certificate of a fixed deposit account* li Gaming Islands Holding Limited ghandha mal-Bank of Valletta plc (fol 128). Fid-9 ta` Jannar 2012, il-kont kien juri l-figura ta` €15,620. Wara dik id-data, effett ta` mandat ta` sekwestru, il-kont spicca b`xejn go fih ghaliex l-ammont kien depositat il-Qorti wara talba minn Go plc.

Kienu esebiti a fol 91 et seq dokumenti rilaxxjati mir-Registru tal-Kumpanniji fit-3 ta` April 2012 mnejn jirrizulta

illi fil-kaz tal-erba` intimati (a) ma ghandhomx *company secretary* (b) l-ahhar *annual return* taghhom kienet presentata fit-12 ta` Dicembru 2008 u (c) l-ahhar *financial statements* presentati kienu dawk ghas-sena 2007.

Wara li l-kuratur deputat Av. Cedric Mifsud ghamel l-istharrig tieghu konsegwenti ghall-hatra tieghu, hekk ivverbalizza fl-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013 –

*Dr Mifsud informa lill-Qorti illi wara l-prezentata tar-risposta tieghu, ghamel kuntatt mieghu bit-telefon Balazs Vereb, li huwa avukat Ungeriz, u li jirrizulta li huwa direttur tal-kumpanniji, li taghhom qed jintalab ix-xoljiment u l-istralc. Infurmah illi skont hu kien sorpriz li kien indikat bhala direttur tal-kumpannija, ghax skont il-kodici ta' prattika tal-avukati fl-Ungerija, mhux suppost illi avukat jokkupa karigi ta' din ix-xorta. Ikkonferma li huwa kien avukat di fiducja tal-azzjonisti u qallu li l-azzjonisti huma nsolventi u li min-naha tieghu m'ghandu l-ebda interess iehor fejn jirrigwardaw dawn il-persuni.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

**1) <u>L-ewwel talba</u>**

F`din l-ewwel talba, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti illi huma kredituri tal-intimati.

Din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghad-digriet taghha tat-12 ta` Marzu 2012 (fol 38) wara r-rikors ta` l-intervenuta fil-kawza tas-6 ta` Frar 2012 (fol 33 u 34) senjatament fejn din tal-ahhar talbet lill-Qorti biex tastjeni milli tiddeciedi l-ewwel talba.

Mill-mod kif kienet intavolata t-talba, fil-kuntest tat-tip ta` azzjoni fejn tressqet, huwa evidenti li l-ghan wara dik l-ewwel talba mhuwiex illi din il-Qorti tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammonti li qeghdin jippretendu. Li kieku dak kien il-hsieb tar-rikorrenti, allura minghajr dubju ta` xejn ghazlu l-azzjoni zbaljata biex isostnu l-pretensjoni taghhom. Din il-Qorti tghid pero` illi mhux dak kien il-hsieb tar-rikorrenti. Huwa evidenti illi b`dik l-ewwel talba riedu jasserixxu d-dritt li setghu jressqu t-talbiet l-ohra. Infatti skond l-**Art 218(1) tal-Kap 386**, *kreditur* jista` jaghmel talba lill-Qorti ghax-xoljiment u stralc ta` kumpannija skond l-**Art 214(2)(*b*) tal-Kap 386**. Ma hemmx ghalfejn ikun *kreditur* sostnut minn titolu ezekuttiv. Sufficjenti ghal procediment ta` din ix-xorta li jkun persuna li jaghti **l-prova** ta` kreditu. Mill-assjem tal-provi akkwiziti, jirrizulta li r-rikorrenti huma kredituri tal-intimati u kwindi jistghu jressqu t-talbiet l-ohra. L-ewwel talba qeghda tkun milqugha.

## 2) **L-intervenuta fil-kawza**

Go plc tghid illi ghandha kreditu pretiz kontra intimata **wahda biss** u cioe` kontra Gaming Islands Holding Limited.

Il-kreditu tar-rikorrenti kontra dik l-intimata jammonta ghal €4,590. Il-kreditu pretiz minn Go plc huwa bil-wisq akbar.

Huwa fatt accertat illi l-€15,620 li kien hemm fil-kont tal-bank ta`dik il-kumpannija llum jinsab depozitat il-qorti bhala konsegwenza ta` mandat ta` sekwestru ta` Go plc.

Din il-Qorti qieset l-oggezzjonijiet ta` Go plc ghat-talba tax-xoljiment u stralc ta` Gaming Islands Holding Limited.

Tibda billi taghmel riferenza ghal Pg 913-914 ta` **<u>Boyle & Birds` Company Law</u>** – 8th Edition – 2011 :

*Unpaid creditors of a company may consider commencing winding-up proceedings against the company as an alternative to suing for payment. As a debt collection mechanism, winding up proceedings may be swifter and, for the individual creditor, less expensive than a claim that may come to trial for some time ; **<u>on the other hand, winding up is a collective procedure for the benefit of creditors generally and it does not benefit specific creditors individually (F. Oditah "Winding Up Recalcitrant Debtors" 1995 LMCLQ 107)</u>***
…
*Since winding up is a collective procedure for the benefit of creditors generally, one situation where the court may exercise its discretion against winding-up is where other creditors in the same class oppose the making of the order. In this regard the court will usually have regard to the majority of the creditors and will refuse the petition if its opposed by the majority.*

(enfasi u sottolinear tal-qorti)

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-posizzjoni tal-intervenuta fil-kawza. L-obbligu tal-Qorti huwa li tassikura li procediment ta` din ix-xorta ma jservix biex jaghti vantagg lil kreditur fuq iehor. Wara li tkun xjolta kumpannija, u jibda l-istralc taghha, jikkonkorru l-kredituri kollha taht id-direzzjoni ta` l-istralcjarju u bil-kontroll tal-Qorti. Jiehdu skond l-ghamla ta` kreditu li ghandhom mis-sostanzi disponibbli tal-kumpannija. Ghalhekk ix-xoljiment huwa ghall-beneficcju tal-kredituri in generali u mhux ta` kreditur partikolari. Il-krediti tar-rikorrenti u ta` Go plc huma tal-istess klassi u kwindi jekk jirrizulta li hemm bazi ghax-xoljiment tal-kumpannija skond il-ligi, kreditur m`ghandux ikollu vantagg fuq iehor. Ir-rwol tal-Qorti huwa li tassikura li hemm bizzejjed ragunijiet gravi ghax-xoljiment u l-istralc ; l-interess konfliggenti tal-kredituri hija

forsi l-inqas wahda mill-konsiderazzjonijiet li trid taghmel il-Qorti sabiex tasal ghad-decizjoni taghha, aktar u aktar fil-kaz tal-lum fejn hemm diskrepanza bejn il-krediti tar-rikorrenti u tal-intervenuta fil-kawza fir-rigward tal-intimata in kwistjoni. Kollox meqjus din il-Qorti qeghda tirrespingi l-posizzjoni li hadet l-intervenuta fil-kawza.

## 2) It-talbiet l-ohra tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu x-xoljiment u l-istralc tal-erba` intimati abbazi tal-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386** u cioe` meta l-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija.

Is-sinjifikat ta` din id-disposizzjoni huwa car. Ihalli diskrezzjoni wiesa` lill-Qorti sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "gravi bizzejjed" li jwassluha sabiex taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc. Fil-Kap 386 ma hemmx tifsira ta` "ragunijiet gravi". Il-Qorti ghalhekk ma ghandha tiskarta xejn. M`ghandhiex tillimita l-esercizzju tad-diskrezzjoni taghha ghal fatti jew cirkostanzi li jkunu sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors izda ghandha taghti piz ghal kull ma jigri anke wara sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

Din il-Qorti tirreferi ghas-sintesi tal-provi saljenti li ghamlet aktar kmieni. U fir-rigward tghid hekk : Fi Stat bhal taghna fejn il-konvivenza civili hija regolata mir-*rule of law*, fi Stat bhal taghna fejn il-loghob tal-azzard *online* huwa mezz ta` *revenue* importanti ghall-pajjiz, izda fl-istess waqt fi Stat bhal taghna fejn l-*online gambling* ghandu jkun strettament regolamentat u sorveljat sabiex tigi garantita t-trasparenza, dawn il-Qrati, li huma fl-obbligu li japplikaw il-ligijiet tal-pajjiz b`gustizzja ma` kulhadd, ma jistghu jaghtu skont lil hadd specjalment lil

min jinqeda bil-legislazzjoni taghna biex imexxi `l quddiem in-negozju tal-loghob tal-azzard ghall-vantagg tieghu.

Dan premess u ben kjarament stabbilit, din il-Qorti tistqarr illi hija mhassba tassew ghall-isvolta li hadu l-fatti tal-kaz. Mhux daqstant ghall-fatt illi kreditur kien kostrett jirrikorri ghal procediment ta` din ix-xorta. Izda l-aktar ghall-imgieba gravement nonkuranti tal-azzjonisti u tad-direttur tal-erba` intimati. Waqqfu go pajjizna erba` kumpanniji, wahda minnhom *holding company* b`ishma ta` maggoranza fit-tlieta l-ohra biex joperaw fil-qasam tal-*online gaming* li huwa settur sensittiv u delikat hafna. U wara relattivament ftit zmien tilfu l-interess fl-operazzjoni u hallew kollox ghaddej. Il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti mhux daqstant ghaliex ma thallsux l-ammonti pretizi minnhom, izda ghaliex baqghu esposti ghal riperkussjonijiet negattivi mal-awtoritajiet regolatrici u fiskali. B`tal-ewwel din il-Qorti qeghda tirreferi ghar-Registratur tal-Kumpanniji u ghall-Lotteries and Gaming Authority din tal-ahhar in partikolari ghaliex irrizulta li kienet qeghda tippretendi risposti minghand ir-rikorrenti li ma setghux jaghtuha ghaliex baqghu bla *feedback* minghand l-intimati. Ta` thassib kien il-verbal li ghamel il-kuratur deputat fl-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013 : Fl-ewwel lok meta rrileva lill-Qorti li meta ghamel kuntatt mieghu bit-telefon Balazs Vereb, avukat Ungeriz u direttur tal-intimati, stqarr mieghu illi kien sorpriz li kien indikat bhala direttur tal-kumpannija, ghax skont il-kodici ta' prattika tal-avukati fl-Ungerija, mhux suppost illi avukat jokkupa karigi ta' din ix-xorta. Is-sorpriza ta` din il-Qorti hija akbar ghaliex il-fatti juru li Balazs Vereb kien involut fil-formazzjoni tal-kumpanniji mill-bidu nett kif kien involut fl-iffirmar tal-kontijiet tal-kumpanniji sal-2009. L-emails mibghuta lilu mir-rikorrenti huma konferma kemm dak mistqarr minn dan l-avukat mal-kuratur deputat ma kienx mis-sewwa. U fit-tieni lok ghax l-istess Balasz Vereb stqarr mal-kuratur deputat illi bhala avukat ta` fiducja tal-azzjonisti, seta` jghid illi l-azzjonisti huma nsolventi, u min-naha tieghu ma kellu l-ebda interess iehor fir-rigward taghhom. Ghal din il-Qorti, din hija prova ohra mal-ohrajn li diga` kellha li l-intimati ma jistghux ihallsu d-djun kif ukoll

illi kull min huwa involut b`xi mod fil-gewwa tal-kumpanniji intimati tilef l-interess fihom u kwindi llum l-erba` intimati huma “qasab jixxejru mar-rih”.

Aktar milli kaz ta` *deadlock* dak tal-lum iqarreb forsi b`mod aktar fil-wesgha lejn sitwazzjoni ta` *disappearance of the substratum* (ara : Andrew Muscat : **Principles of Maltese Company Law** : MUP : pg 1020 et seq) Jekk l-azzjonisti m`ghadx ghandhom interess imexxu `l quddiem l-ghanijiet li ghalihom twaqqfu l-erba` intimati, dik ghandha titqies bhala “raguni gravi” ghax-xoljiment u l-istralc taghhom. Bl-intimati *alla deriva* u nkapaci li jhallsu d-djun taghhom, ifisser ghal din il-Qorti li l-intimati huma *mine vaganti.* Hija haga fondamentali fid-dritt socjetarju li kumpanniji joperaw b`mod trasparenti u *accountable.* Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tippermetti li terzi jkunu esposti ghal riskji gejjin minn karenza ta` *bona fides* da parti tal-intimati. Fic-cirkostanzi tghid ghalhekk li sejra tapplika l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti hekk qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti –**

**1) Tilqa` l-ewwel talba.**

**2) Tilqa` t-tieni talba. Tiddikjara li fil-fehma taghha hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpanniji intimati Gaming Islands Holding Limited (C40228), Board Games Islands Limited (C40230), Casino Islands Limited (C40231) u Pokerpest Services Limited (40232) skond l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**3) Tilqa` t-tielet talba. Tordna x-xoljiment tal-kumpanniji intimati Gaming Islands Holding Limited (C40228), Board Games Islands Limited (C40230), Casino Islands Limited (C40231) u Pokerpest Services**

**Limited (40232) skond l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386, b`effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art.223(1) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna wkoll l-istralc taghhom kollha.**

**4) Tilqa` r-raba` talba. Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-erba` kumpanniji intimati bis-setghat u bid-dmirijiet li huma stabbiliti fil-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta. Bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet –**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-erba` kumpanniji intimati, kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art.227 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**(b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-erba` kumpanniji intimati u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpanniji intimati, kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-erba` kumpanniji intimati.**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-erba` kumpanniji intimati.**

**(f) jipprezenta r-rapport mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**5. Hlief ghall-ispejjez tal-intervenuta fil-kawza li ghandhom jibqghu a kariku taghha biss, l-ispejjez l-ohra ta` din l-istanza, u tal-proceduri li sejrin jigu wara l-provvediment tal-lum, ghandhom jithallsu mill-erba` kumpanniji intimati *in solidum* bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------